MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Numru 39/2007

**Ir-Repubblika ta’ Malta**
**Vs**
**Claudio Porsenna**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 39 tas-sena 2007 kontra l-akkużat Claudio Porsenna li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Aaron Rodney Pavia kien jiffrekwenta l-inhawi ta’ San Giljan matul il-perjodu ta’ bejn l-ewwel tas-sena elfejn u tlieta u l-bidu ta’ Mejju tal-istess sena. Ghall-bidu ta’ Mejju tal-imsemmija sena 2003, huwa kien sar midhla ta’ Omissis. Omissis allura kien jaf li dan Aaron Rodney Pavia kien involut u implikat fit-tmexxija tad-droga, ossia medicini perikoluzi, partikolarment fl-inhawi ta’ Hal-Qormi.

F’Mejju tas-sena 2003, it-tnejn li huma kienu iltaqghu San Giljan. Kien Omissis li beda jipprova ihajjar lil Aaron

Rodney Pavia sabiex jidhol socju mieghu fit-traffikar tad-droga f’Malta.  Għall-ewwel, Aaron Rodney Pavia irrezista it-tentazzjonijiet li Omissis kien qieghed jipprova jwaqqgħu fihom.  Pero`, eventwalment Aaron Rodney Pavia spiċċa sabiex waqa’ għal dawk it-tentazzjonijiet, aktar u aktar meta intebaħ il-prezz għoli li d-droga kienet iġġib fis-suq lokali, partikolarment meta tinbiegħ illegalment fit-toroq.

Mela kien ghall-bidu tas-sena 2003 li Omissis u Aaron Rodney Pavia daħlu soċji ma’ xulxin u ftehmu li jinvolvu ruħhom fit-traffikar tad-droga f’Malta.  Fl-istess perjodu, kien issieheb magħhom Claudio Porsenna.  Wara li ftehmu, ikkumbinaw bejniethom il-mezzi li bihom kellhom jimxu fl-esekuzzjoni ta’ dan il-pjan miftiehem bejniethom. Dawn kienu li Omissis jipprokura blokok tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis mingħand Claudio Porsenna, jgħaddihom lil Aaron Rodney Pavia sabiex dana jbiegħhom, iżomm xi ħaġa għalih u l-bqija jgħaddihom lil Omissis li min-naħa tiegħu jagħtihom lil Claudio Porsenna. Dan tal-aħħar kien ippresta l-użu ta’ appartament tiegħu ġewwa s-Swieqi fejn seta jaħbi u jaħżen id-droga li minn zmien ghal zmien kien jipprokura, mentri Omissis kellu jirrealizza l-kuntatti lokali sabiex id-droga setgħet tinbiegħ u r-rikavat tagħha jinqasam bejniethom ilkoll.

Fortunatament, il-Pulizija Maltija kienet qeghda tircievi taghrif anonimu u xort’oħra dwar din l-attivita` ta’ dawn it-tliet persuni.  Kien għalhekk li l-Pulizija bdiet iżżomm l-inhawi tal-appartament in kwistjoni taħt sorveljanza stretta, f’liema perjodu ta’ sorveljanza irnexxielha anke tara u tosserva direttament lil dawn it-tliet persuni jiltaqgħu u jesegwixxu l-pjan tagħhom miftiehem.  Huma inqabdu fil-fatt bil-pussess komuni tal-imsemmija droga mill-Pulizija Maltija biex b’hekk din l-assocjazzjoni ta’ bejniethom fit-traffikar tad-droga ġiet sfrattata u intemmet fix-xejn.

F’din l-assoċjazzjoni Claudio Porsenna kien il-moħħ ewlieni, mentri Aaron Rodney Pavia kien il-persuna li kien strumentali sabiex ir-raża meħuda mill-pjanta cannabis setgħet tinbiegħ lil terzi illegalment fit-toroq ta’ Malta.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Claudio Porsenna sar ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Claudio Porsenna ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-liġi, u illi hu jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) iżda mhux iżjed minn ħamsin elf lira Maltija (LM 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew ghal kull piena oħra li skont il-liġi tista` tingħata skont kif jiġi ddikjarat ħati l-akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fil-kors tal-investigazzjonijiet da parti tal-Pulizija Maltija tal-assoċjazzjoni deskritta fil-kap precedenti, gara li fit-2 ta' Mejju, 2003, ġie arrestat Omissis li fuqu, wara tfixxija li saritlu, instabu żewġ blokok tar-raza meħuda mill-pjanta cannabis. Dawn kienu fil-pussess materjali tiegħu bil-għan li jgħaddihom lil Aaron Rodney Pavia ħalli jbiegħhom u jittraffikhom.

Minn investigazzjoni ulterjuri da parti tal-Pulizija rrizulta li dawk il-blokok instabu fil-pussess ta' Omissis kienu, jiem qabel, bejn April u Mejju tat-2003, fil-pussess ta' Claudio Porsenna ġewwa r-residenza temporanja tiegħu fis-

Swieqi. Aktar tard dan Claudio Porsenna gie arrestat mill-Pulizija ezatt kif kien sejjer jirritorna lura l-Italja.

Mill-kumpless tal-investigazzjonijiet irrizulta u seta' jigi stabbilit li bejn April u Mejju tat-2003, sia Claudio Porsenna kif ukoll Aaron Rodney Pavia kienu għal ġranet sħaħ fil-pussess ta' madwar għaxar blokok tar-raza tal-cannabis, li minnhom Aaron Rodney Pavia kien ga leħaq biegħ tmien blokok bil-prezz ta' ċirka erba' mija u hamsin Lira Maltin (LM450) il-blokka.

Ir-raza meħuda mill-pjanta cannabis hija mediċina perikoluża ikkontrollata bil-liġi taħt l-Ordinanza dwar Medicini Perikolużi, u ma kien hemm ebda liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Claudio Porsenna sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga raża meħuda mill-pjanta cannabis li għaliha tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikolużi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Claudio Porsenna, ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar

Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taħt tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkuzat u illi hu jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) iżda mhux iżjed minn ħamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 23, 20, 22, 17(h) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista` skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tal-24 ta' Settembru, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex ħati skont l-Att tal-Akkuża wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tiegħu fl-Att tal-Akkuża;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li

tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkużat baqa' jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lill-ħati Claudio Porsenna`, ħati talli:

1. għall-bidu ta' Mejju 2003 assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jitraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiwet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dana skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.
2. Li bejn April u Mejju 2003, kellu fil-pussess tieghu d-droga raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, li għalihom tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża. Kif ukoll rat il-fedina penali tal-ħati maħruġa mill-Italja u ppreżentata mid-Difiża.

Qieset li l-ammissjoni saret qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħati u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur dwar il-piena.

Is-sottomissjonijiet tad-difiża kienu dawn:

(a) Il-fedina penali tal-ħati, kemm dik ta' Malta kif ukoll dik tal-Italja, hija waħda nadifa.

(b) Irreferiet għall-każ fejn kien involut wieħed mill-persuni msemmija li kien deċiż fl-24 ta' Frar 2010 u fejn dan kien gawda mill-artikolu 29 b'żewġ gradi. L-Avukat Ġenerali ma kienx appella minn din is-sentenza li tnaqqset fil-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri). Allura ser ikun hemm diskrepanza kbira fil-pieni.

(ċ) L-insistenza tal-Avukat Ġenerali li l-ħati jgħaddi proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali u mhux il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Min-naħa l-oħra L-Avukat Ġenerali issottometta

(i) li l-fedina penali tal-Italja ma tkoprix il-perjodu kollu u l-kopja mogħtija ma kienx ta' min jafdha.

(ii) Li dawn il-proċeduri twalu inutilment minħabba li l-akkużat għamel minn kollox biex idumu.

(iii) Illi it-tqabbil fil-pieni li kien qed jagħmel l-akkużat kien żbaljat għax kien qed iqabbel biss il-pieni fil-każ tal-persuna msemmija aktar 'il fuq u fil-każ ta' persuna oħra li kellha rwol limitat. It-tqabbil għandu jkun aktar wiesa'.

(iv) Illi l-involviment ta' Claudio Porsenna kien kbir għax, skont l-Att tal-akkuża, huwa kien il-moħħ ewlieni wara l-pjan tat-traffikar tad-droga. Għalhekk l-Avukat Ġenerali ma kien qed jagħmel ebda diskriminazzjoni.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett li hija qed taċċetta li Claudio Porsenna għandu fedina penali kemm Malta kif ukoll l-Italja.

Effettivament il-ħati issa ilu jgħix hawn Malta u għalhekk il-fedina penali Taljana tkopri biss sa perjodu aktar kmieni minn din is-sena.

It-tieni, ikkonsidrat x'qalet id-difiża dwar id-dewmien li għalih irreferiet il-Prosekuzzjoni. Id-difiża ssottomettiet li huwa dritt ta' akkużat li juża l-mezzi li ttih il-Liġi biex jiddefendi ruħu. Kien dak li għamel l-akkużat. Effettivament ir-rikors Kostituzzjonali kien intavolat fit-2 ta' Ġunju 2009 u l-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet il-każ fis-16 ta' Marzu 2012. Barra dan, minħabba ħruq f'waħda mill-Awla tal-Qorti, il-proċess kellu jkun rikostruwit u dan ħa ż-żmien. Il-Qorti jidhrilha li s-sottomissjoni b'risposta min-naħa tad-difiża għandha tkun aċċettata.

It-tielet it-tqabbil dwar il-pieni huwa dejjem wieħed odjuż. Dan huwa filfatt dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-5 ta' Lulju 2012 fil-każ 'The Republic of Malta v Mike Diala'

*'11. Counsel to appellant referred to a number of judgments where a lesser punishment was imposed for a larger amount of drugs. This Court has often stated that comparisons are odious and each case is to be decided and punishment determined on the merits of each case.'*

Fuq dan il-punt din il-Qorti ftit għandha xi żżid. Tista' toqgħod tqabbel in aeternum għax kull każ huwa storja għalih u kull ġudikant irid jara ċ-ċirkostanzi kollha li jkollu quddiemu. Id-difiża qed tillimita ruħha għall-każ ta' persuna li kien involut f'dan it-traffikar. Iżda dan kien iġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati u mhux mill-Qorti Kriminali. Bejn il-piena possibbli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u dik tal-Qorti Kriminali hemm differenza kbira.

Barra minn dan id-difiża qed tissottometti li d-differenza fl-ammont mhux daqstant kbira.

Bir-rispett kollu din is-sottomissjoni dwar l-ammont qed tħalli diversi punti importanti barra. L-ammont ta' droga, għalkemm importanti, huwa **wieħed biss** mill-fatturi li wieħed għandu jikkonsidra. U l-Qrati Maltin jidhru li

għarblu **diversi fatturi** f'dawn il-każi kif jidher imqar jekk wieħed jaqbad lista ta' sena waħda (at random, 2003). Hemm fatturi oħra li wieħed jista' jagħti każ, bħal, per eżempju, għax din li ġejja mhix xi lista sħiħa (a) jekk wieħed ikunx għen lill-Pulizija u (b) **kemm** għenhom, (ċ) f'liema stadju saret l-ammissjoni, (d) kemm kien ilu jsir it-traffikar (e) fejn sar it-traffikar (f) kemm kienet ilha teżisti l-assoċjazzjoni, u (g) xi rwol kellu l-akkużat, kien min kien, fit-traffikar. F'dan il-każ Claudio Porsenna huwa deskritt fl-Ewwel Kap bħala li **kien il-moħħ ewlieni)** . (Ara r-raba' sottomissjoni tal-Avukat Ġenerali) **Għalhekk il-Qorti mhix taċċetta s-sottomissjoni li għamlet id-difiża dwar it-tqabbil fil-pieni għar-raġunijiet segwenti:**
**(i) Bħalma diġa' ntqal, il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri għamlitha ċar li ma taċċettax din it-tip ta' sottomissjoni;**
**(ii) it-tieni għaliex il-ġustizzja titlob li jkunu kkonsidrati l-fatturi kollha u mhux li wieħed jagħmel sempliċiment kalkolu matematiku fuq l-ammont involut. Huwa għalhekk li l-ġudikant ikollu janalizza l-fatti li jkollu quddiemu u jekk ikun hemm bżonn żmien tar-riflessjoni dan għandu jieħdu. Is-sentenzi diffiċli jimmaturaw fuq perjodu ta' żmien u mhux jinkitbu f'daqqa. Jekk hemm bżonn id-draft tibqa' fil-computer sakemm il-ġudikant ikun ħaseb dwarhom waqt xi mixja fit-tul u sakemm ikun soddisfatt fil-kuxjenza tiegħu. Jekk tinħass il-ħtieġa jerġa' jirrevedi dak li kiteb.**
**(iii) t-tielet għaliex il-pieni ma jimxux mal-inverse proportion. Dan wieħed jista' jarah jekk jieħu l-artikolu 279 tal-Kap 9 bħala eżempju. Jekk wieħed jisraq €2331 jista' jeħel il-minimum ta' tlettax-il xahar priġunerija. Il-massimu huwa seba' snin. Ma jfissirx li jekk wieħed jisraq €23,310 – għaxar darbiet aktar mill-ewwel figura – dan ser jeħel 130 xahar għaliex il-massimu huwa 84 xahar.**
**(iv) Isegwi li wieħed ma jistax iqabbel fattur wieħed biss.**

Dwar l-għażla li jista' jagħmel l-Avukat Ġenerali dwar liema Qorti tista' tisma' l-każ - din il-Qorti għandha quddiemha s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali

fl-ismijiet ‘Claudio Porsenna v Avukat Ġenerali’ tas-16 ta’ Marzu 2012– każ li fiha l-ħati kien ir-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet ir-rikors waqt li qalet hekk:

*‘Għalhekk aġir simili jibqa’ li jkun sindakabbli biss mill-qrati ordinarji fl-eżerċizzju tas-setgħa ġenerali u inerenti tagħhom li jistħarrġu kull għemil amministrattiv.’*

Mhix kompetenza ta’ din il-Qorti li tistħarreġ għemil amministrattiv.

Madankollu l-Qorti qieset il-piena li ngħatat minn din il-Qorti f’każijiet analogi reċentement biex ikun jista’ jinżamm ċertu proporzjon u relativita’ fil-piena għal dak li jirrigwarda l-gravita’ tar-reat kif ukoll billi kkonsidrat fatturi oħra partikolari għal dan il-każ bħalma huma: Mil-lat pożittiv: (a) il-fedina penali nadifa; (b) xi ftit tad-dewmien minħabba l-ħruq tal-awla fejn kien jinsab il-proċess; Mil-lat negattiv: li l-ħati kien il-moħħ wara dan it-traffikar.

Għalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8 (a)(b), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(c)(d), 22(2)(b)(i), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap. 101, r-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(h), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-ħati Claudio Porsenna għall-piena ta' priġunerija ta’ tmien (8) snin kif ukoll multa ta’ €15,000 liema multa għandha titħallas fi żmien xahrejn u jekk ma titħallasx tkun konvertita fi priġunerija skont il-Liġi.
Inoltre tikkundannah iħallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' import tal-ispejjeż peritali inkorsi f' din il-kawża u ċioe’ elf, sitt mija u disgha w erbghin Ewro u sbatax –il centezmu (€1,649.17) liema spejjeż peritali jekk ma jitħallsux jiġu konvertiti f’terminu ta’ priġunerija skont il-Liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli oħra tal-ħati;

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-Assistent Registratur u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni w jġibu a konjizzjoni

ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------